# Is-Sebgħa u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Il-ġust jgħix bil-fedeltà tiegħu.*

Ħab 1, 2-3; 2, 2-4

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ħabakuk**

1,2 Mulej, kemm se ndum nokrob għall-għajnuna
u int ma tismax,
jew ngħajjat: «Vjolenza!»
u int ma ssalvax?
3 Għaliex turini l-ħażen,
u inti toqgħod tħares lejn il-ħtija?
Quddiemi qerda u vjolenza,
hemm it-tilwim, u l-ġlied dejjem jiżdied.

2,2 Imbagħad il-Mulej wieġeb u qalli:
«Ikteb id-dehra,
onqoxha fuq tavlozzi,
hekk li jkun jista' jħaffef min jaqraha.
3 Għax id-dehra sseħħ meta jkun waqtha,
tistenna sa ma ttemm, u ma tqarraqx.
Jekk hija ddum ma tasal, int stennieha,
għax tiġi żgur, ma tiddawwarx ma tasal!
4 Arah jinfena min mhux ruħu sewwa,
iżda l-ġust jgħix bil-fedeltà tiegħu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 94 (95), 1-2.6-7.8-9

R/. (ara 8): Isimgħu leħen il-Mulej, u twebbsux qalbkom

[1]Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
[2]Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajjat ta' ferħ. R/.

[6]Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkupptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
[7]Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu. R/.

Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu!
[8]«La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
[9]meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.» R/.





## Qari II

*Tisthi xejn minħabba fix-xhieda għal Sidna.*

2 Tim 1, 6-8. 13-14

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**

Għażiż, [6]infakkrek biex tqajjem fik id-don ta' Alla, li jinsab fik
bit-tqegħid ta' jdejja; [7]għax Alla ma taniex spirtu ta' biża', imma
Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' rażan.

[8]Mela tisthi xejn minħabba fix-xhieda għal Sidna, anqas minħabba
fija, priġunier tiegħu, imma aqsam miegħi t-tbatija għall-Evanġelju,
u afda fil-qawwa ta' Alla.

[13]Żomm quddiem għajnejk l-eżempju tat-tagħlim sħiħ li smajt
mingħandi, fil-fidi u fl-imħabba li huma fi Kristu Ġesù. [14]Ħares
bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li jgħammar fina t-teżor sabiħ li kien
fdat f'idejk.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

1 Piet 1, 25

Hallelujah. R/. Hallelujah
Il-kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem:
din hi l-kelma tal-Evanġelju li kien imxandar lilkom.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Kieku kellkom fidi.*

Lq 17, 5-10

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, 5l-appostli qalu lill-Mulej: «Kattar fina l-fidi!»
6Weġibhom il-Mulej: «Kieku kellkom fidi mqar daqs żerriegħa
tal-mustarda, kontu tgħidu lil din is-siġra tat-tut: "Inqala' u mur
tħawwel fil-baħar," u hi kienet tisma' minnkom.

7Wieħed minnkom ikollu qaddej qiegħed jaħrat jew jirgħa; meta
jidħol mill-għalqa x'se jgħidlu: "Ejja, isa, u oqgħod għall-ikel"? 8jew:
"Lestili x'niekol, ilbes il-fardal u newwilli sa ma niekol u nixrob jien,
u mbagħad tiekol u tixrob int"? 9Jaqaw se jroddlu ħajr lill-qaddej talli
jkun għamel li ordnalu?

10Hekk ukoll intom, meta tagħmlu kulma tkunu ordnati, għidu:
"Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn; għamilna biss dak li kellna
nagħmlu."»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu